MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2015

Talba Numru: 100/2015AM

Numru fuq il-Lista: 10

**GO p.l.c – C22334**
**Triq Fra Diegu, Marsa MRS 1501**

**Vs**

**Adolph Baldacchino (ID 339973M)**
**Zonqor View, Flat 8,**
**Triq Ghar ix-Xama',**
**Marsaskala**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fit-30 ta' Jannar, 2015 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet l-hlas ta' sitt mija u erbgha u erbghin ewro u ghoxrin

centezmu (€644.20c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont nnumru A/C 40094424 moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY 1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-kont relattiv u Dok IZY 3- estratt mir-Registru Elettorali u Dok IZY 4- kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12; illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa` nadempjenti, ghalhekk kellha ssir din l-kawza; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm l-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, l-konvenut ma kkontestax l-kawza fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher ghas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-affidavit ta' Charmaine Psaila Wiffen in rapprezentanza tas-Socjeta' attrici li permezz tieghu xehdet li tali ammont ghadu dovut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta' attrici tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma tal-hlas ta' sitt mija u erbgha u erbghin ewro u ghoxrin centezmu (€644.20c) bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-istess konvenut.

**Av. Anna Mallia**

Ġudikatur